**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs.**

**Daniel Kobrzeniecki**

Numru: 558/2017

Illum 14 ta' Dicembru 2017

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat **Daniel Kobrzeniecki**, ta' ghoxrin (20) sena, iben Irqadaus u Ivona neé Kujawska, imwieled Elblag (Polonja), nhar id-19 ta Dicembru 1996, bla residenza fissa gewwa Malta, u fil-fond 14 m.5, Jana Brzechwy, 82-300 Elblag, Polonja, detentur tal-Karta tal-Identita' Pollakka numru AYT890341

akkuzat talli gewwa dawn il-Gzejjer, nhar it-12 ta' Dicembru 2017, ghal habta tal-hamsa u kwart ta' wara nofsinhar (1715hrs) gewwa il-fond Chef's Choice, Triq Latmija, Zabbar:

1. volontarjament ikkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Christopher Galdes billi tah daqqa bi flixkun tal-hgieg fuq rasu, skond ma' certifikat Dr. Christine Vella MD

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok. "JM 1" – *a fol.* 6).

Semghet, fis-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet, fis-seduta tallum, lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li l-imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat hija *ai termini* ta' Artikolu 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghall-imputazzjoni addebitata fil-konfront tieghu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u din ghalhekk hija sodisfacentement pruvata.

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tal-imputazzjoni addebitata lill-imputat, l-ammissjoni bikrija tieghu, il-fedina penali tieghu (Dok. "JM 7" – *a fol.* 18) li jirrizulta li hija wahda kompletament nadifa, u kif ukoll dak suggeriet mill-Prosekuzzjoni u mid-difiza fir-rigward tal-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghall-imputazzjoni addebitata fil-konfront tieghu.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikoli 214, 215 u 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat Daniel

Kobrzeniecki hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta' tliet (3) xhur prigunerija.

---

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

---

**Ms. Christine Farrugia**
**Deputat Registratur**